Avviz Numru CCT 9/15/GB

**Dennis C. Mifsud**

**vs**

**Anthony Darmanin – FGP Ltd.**

Illum 25 ta' Frar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u hames Ewro (€105.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal zewg 'photocells', li nxtraw u li gew installati mis-socjeta' ntimata, liema 'photocells' kienu difettuzi.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Awissu 2014, tekniku mis-socjeta' ntimata mar ghandu sabiex jinvestiga x'kienet il-problema fil-bieb tal-garaxx tieghu, fejn huwa sab li l-problema kienet gejja mill-'photocells'. Illi ghalhekk, dawn inbiddlu versu hlas, u kollox hadem perfettament.

Illi pero', l-istess problema tfaccat fl-24 ta' Settembru 2014, fejn kellhom jinbidlu ghat-tieni darba l-istess zewg 'photocells'. Ir-rikorrent rega' hallas, pero' baghat nota lis-socjeta' ntimata rigwardanti l-fatt illi l-imsemmija 'photocells' kienu marru wara biss xahar u tliet ijiem.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Settembru hija baghtet tekniku fuq il-post sabiex isewwi l-bieb tal-garaxx tar-rikorrent, wara li kien cempel jirrapporta l-hsara, fejn it-tekniku sab il-'photocells' ma jahdmux. Il-'photocells' huma oggett ta' 'safety' u joperaw billi meta l-bieb ikun niezel u jghaddi xi hadd minn tahtu, il-bieb jieqaf u jerga' jinfetah. It-tekniku biddilhom u ghamel set gdid. L-ispiza giet mitt Ewro (€100.00). Ir-rikorrent kiteb cekk ta' mija u hames Ewro (€105.00) – mitt Ewro (€100.00) biex ikopri l-ispiza tal-'photocells' u hames Ewro (€5.00) bhala 'tip' lit-tekniku.

Fl-24 ta' Settembru, ir-rikorrent rega' rrapporta hsara fil-bieb tal-garaxx. L-istess gurnata mar tekniku fuq il-post u sab li l-problema kienet gejja mill-'photocells'. It-tekniku iccekjahom u sab li kienu 'dead'. Hu spjega lir-rikorrent li din il-haga facilment tigri meta jkun hemm 'power surge', sajjetti, ecc li jaffettwaw is-'supply' tad-dawl. Dan propju minhabba li huma oggett ta' 'safety'. It-tekniku ghamillu set godda u l-'photocells' bil-hsara thallew fuq il-post ghand ir-rikorrent. Ir-rikorrent baghat cekk ta' mitt Ewro (€100.00) bil-posta.

Fis-7 ta' Ottubru, ir-rikorrent baghat ittra lis-socjeta' ntimata biex jitlob refund ta' l-ammont li hallas l-ewwel darba, jigifieri ta' mitt Ewro (€100.00) u hames Ewro (€5.00) tips ukoll. Is-socjeta' ntimata, bit-telefon u anke bil-posta, spjegat lir-rikorrent li dawk il-'photocells' ma kienux difettuzi, izda bil-hsara, u allura ma accettatx it-talba tieghu tar-refund. Bhala sinjal ta' 'goodwill', is-socjeta' ntimata offrietlu refund tal-'labour cost' ta' hamsa u tletin Ewro (€35.00). ir-rikorrent ma accettax u baghat ic-cekk lura bil-posta ghax ried refund ta' l-ammont totali.

Is-socjeta' ntimata tkompli ssostni li l-'photocells' kienu bil-hsara u mhux difettuzi. Il-'photocells' huma oggett ta' 'safety' mal-mutur tal-bieb tal-garaxx, allura jekk ikun hemm difett, dan id-difett ser johrog mill-ewwel darba u mhux wara xahar kif gara f'dan il-kaz. Is-socjeta' ntimata tikkonferma li l-hsara li garrbu l-'photocells' ma gratx minn naha taghha jew mill-prodott stess.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ewwel ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.DM1; flimkien ma' kopja tat-tieni ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.DM2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Xehed Conrad Taylor, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu stqarr illi huwa kien it-tekniku li mar ghand ir-rikorrent it-tieni darba u x-xhud ikkonferma li kollox

kien qed jahdem sew wara li biddel il-'photocells'. Stqarr illi hemm diversi ragunijiet li setghu kkawzaw din il-problema, pero' ma jiftakarx x'kellhom ezatt.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrent talab korezzjoni fl-ammont mitlub minnu, fejn l-ammont ta' mija u hames Ewro (€105.00) qed jigi ridott ghal mitt Ewro (€100.00). It-Tribunal laqa' t-talba ghal korrezzjoni u s-socjeta' ntimata tat ruhha b'notifikata ghal tali korrezzjoni.

It-Tribunal josserva illi, apparti mill-ewwel offerta ta' hamsa u tletin Ewro (€35.00), li s-socjeta' ntimata ghamlet bhala sinjal ta' 'goodwill' u li ma gietx accettata mir-rikorrent, is-socjeta' ntimata ghamlet offerta ohra ta' hamsin Ewro (€50.00), li pero' wkoll ma gietx accettata mir-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur. It-Tribunal jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, *ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrent fl-ambitu ta' l-*allegazzjoni tieghu illi l-'photocells' in kwistjoni kienu difettuzi. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**